**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Novembru, 2018

Rikors Guramentat numru : 274/13 AL

AB

VERSUS

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata kellhom minn relazzjoni extra-maritali tarbija J B fit-tnax ta' Settembru elfejn u sebgha. Certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala (Dok. RO1).

2. Illi l-partijiet kienu rregolaw ruhhom fir-rigward tal-minuri permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Ottubru tas-sena elfejn u

ghaxra (26/10/2010) fl-atti tan-nutar Dottor Carmel Mangion hawn anness u mmarkat bhala Dok. RO2.

3. Illi r-rikorrent irrikorra ghall-medjazzjoni, ai termini tal-Avviz Legali 397/2003. Ilmedjazzjoni inghalqet peress illi l-ebda ftehim ma ntlahaq u r-rikorrent inghata lawtorizazzjoni biex jipprocedi permezz tad-Digriet numru 2576/13 moghti minn din lOnorabbli Qorti, hawn anness u mmarkat bhala Dok. RO3.

4. Illi in linea mal-klawsola numru erbgha tal-kuntratt datat 26 ta' Ottubru elfejn u ghaxra ir-rikorrenti obbliga ruhhu illi jghaddi l-intimata mitejn Euro (€200) fix-xahar bhala manteniment versu l-minuri flimkien ma' l-ispejjez kollha edukattivi u dawk relatati mas-sahha.

5. Illi di piu' huwa obbliga ruhu illi jhallas favur l-intimata, is-somma ulterjuri ta' mija u hamsin Euro (€150) fix-xhur ta' Mejju u Ottubru kull sena sabiex jkopru l-ispejjez ta' hwejjeg u zraben kollha tal-minuri. B'dan illi tali ammont addizzjoni jkompli jigi rivedut u mizjud kull hames snin sa massimu ta' tlett mitt Euro (€300).

6. Illi meta gie ppublikat l-imsemmi kuntratt, ir-rikorrent kellu mezzi u introjtu stabbli u efficjenti, izda minn dak iz-zmien sehhew ragunijiet u cirkostanzi illi fuqhom, l-istess rikorrent ma ghandu ebda kontroll, b'rizultat illi r-rikorrent ma ghadux aktar f' pozizzjoni finanzjarja illi jissomministra l-manteniment sostanzjali kollu hawn fuq imsemmi.

7. Illi r-rikorrent jispjega umilment illi minn dak iz-zmien huwa kien hass in-neccessita' illi jghin lill-intimata stante illi hija ghandha wkoll zewg ulied ohra fejn dak iz-zmien kienu minuri u minghajr impjieg. Ghaldaqstant xtaq jghin lill-intimata temporanjament sabiex tkun f'pozizzjoni finanzjarja ahjar. Illum il-gurnata ulied lintimata kibru u ghandhom impjieg u introjtu stabbli.

8. Illi stante li r-rikorrenti jhallas ghall-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u dawk relatati mas-sahha dawn jammontaw

ghall-parti sostanzjali mill-introjtu kollu tieghu u illi konsegwentament huwa jinsab f'pozizzjoni finanzjarja illi jpoggih fl-impossibilita' illi jaghmel tali pagamenti.

9. Illi tali revizjoni hija wkoll importanti stante illi huwa fid-dmir tal-omm illi meta hemm carament il-possibilita' illi din tikkontribwixxi ghal dawk in-necessitajiet talminuri binhom J B.

10. Di piu' stante illi r-rikorrenti huwa a karigu ta' l-ispejjez kollha edukattivi u dawk rigwardanti s-sahha huwa llum jinsab finanzjarja indigenti u jinsab fl-impossibilita' li jkompli jaghmel dan in kwantu l-ispejjez qieghdin aktar ma jmorru jizdidu u jkun idonju fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex l-omm terfa wkoll ir-responsabbilitajiet taghha versu l-minuri illi dawn jinqassmu bejn il-partijiet.

11. Illi apparti hekk jezistu ragunijiet ohra sufficjenti fil-ligi sabiex jigi rivedut u ridott ukoll il-manteniment stipulat fil-kuntratt bhala pagabbli ghall-htigijiet tal-minuri, fost ohrajn illi r-rikorrenti m'hiex fl-impossibilita' illi hija wkoll tipprovdi ghall-dawk lispejjez rigwardanti sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi avverew ruhhom cirkostanzi u ragunijiet illi jaghtu lok ghal revizjoni u tnaqqis tal-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata ghall-minuri, fis-sens illi r-rikorrent ma ghadux f'pozizzjoni finanzjarja u/jew lanqas ghandu jibqa' obbligat illi jissomministra l-manteniment kollu huwa rigwardanti spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri fuq imsemmi minhabba c-cirkostanzi u r-ragunijiet hawn premessi. In kwantu dan ghandu jigi diviz b'mod indaqs bejn il-partijiet.

2. Tirrevedi l-manteniment pagabbli mir-rikorrenti lill-intimata fir-rigward ta' dawk lawmenti fil-manteniment sabiex ikopru l-ispejjez kollha ta hwejjeg u zraben tal-minuri

tenendo conto illi llum l-intimata tista hija wkoll tikkontribwixxi ghal dan l-iskop.

U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni din il-Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet;

1. Illi hemm qbil illi l-minuri J B D huwa iben il-partijiet minn relazzjoni estramatrimonjali illi llum spiccat, u illi l-attur irrikonoxxa lill-istess minuri bhala ibnu skond il-Ligi, u dana skond ma jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid relattiv anness mar-Rikors Guramentat bhala Dok RO1;

2. Illi hemm qbil illi l-partijiet kienu rregolaw il-kura, kustodja, access u manteniment tal-minuri permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion nhar it-18 ta' Ottubru 2010, u dana skond ma jirrizulta mid-dokument anness mar-Rikors Guramentat bhala Dok RO2;

3. Illi fir-Rikors Guramentat tieghu, l-attur jipprova jaghti l-impressjoni illi minn meta gie ppublikat il-kuntratt imsemmi sa llum il-gurnata, inbidlu l-mezzi finanazjarji tieghu b'dan illli huwa m'ghadux f'pozizzjoni finanzjarja illi jlahhaq mal-obbligu tal-manteniment tal-minuri, u partikolarment dik il-parti tal-manteniment illi tikkonsisti fi:-

   - spejjez medici u edukattivi tal-minuri; u
   - is-somma ta' €200.00 darbtejn f'sena ghal hwejjeg u zraben tal-minuri;

   izda naqas milli jsemmi x'wassal ghal dan l-allegat bdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu u effettivament l-esponenti tissottometti illi, semmai, kien hemm

ameljorament fic-cirkostanzi finanzjarji tal-attur minn meta gie ffirmat il-kuntratt *de quo* sal-lum;

4. Illi l-attur jaghmel referenza ghall-fatt illi fiz-zmien meta sar il-kuntratt dwar il-minuri J B D, ulied il-konvenuta (miz-zwieg precedenti taghha) kienu ghadhom minorenni filwaqt illi llum il-gurnata, huma maggorrenni u ghandhom impieg. B'danakollu, dan il-fatt huwa ghal kollox estraneu ghall-proceduri prezenti stante illi l-attur qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment ta' wlied l-esponenti miz-zwieg taghha, liema wlied gew mantnuti mill-istess esponenti u l-eks-zewgha H G. Inoltre, ghalkemm dawn l-ulied illum huma maggorenni, huma ghadhom jirrisjedu mal-esponenti illi kwindi ghadha tkopri l-htigijiet taghhom, anke bl-ghajnuna tal-imsemmi H G, minkejja l-eta` taghhom;

5. Illi l-attur jimplika illi l-esponenti ma tikkontribwixxi xejn ghall-spejjez tal-minuri J B D izda dan mhuwiex minnu, ghaliex il-minuri certament ma jistax jitrabba b’hamsin Euro fil-gimgha biss kif qieghed jippretendi l-attur, u ghalhekk huwa ovvju u intuittiv illi l-esponenti qieghda tikkontribwixxi ta' kuljum ghall-manteniment tal-istess minuri;

6. Illi inoltre, kif stqarr l-attur stess fir-Rikors Guramentat, l-ispejjez tal-minuri qeghdin dejjem jizdiedu, filwaqt illi d-dhul ta’ l-esponenti huwa l-istess bhal meta gie ffirmat il-kuntratt dwar il-minuri, u certament illi ma jistax b'xi mod jinghad illi l-esponenti llum qeghda f’posizzjoni finanzjarja ahjar milli kienet fl-2010;

7. Illi effettivament huwa impossibli ghall-attrici illi tikkontribwixxi iktar milli kienet qieghda taghmel matul dawn l-ahhar tliet snin ghall-manteniment tal-minuri J B D, u dana stante illi l-mezzi taghha baqghu l-istess u ma jippermettulhiex mod iehor;

8. Ghalaqstant it-talbiet attrici ghandhom tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, u dana stante illi

legalment u fattwalment, ma jissussistux ir-rekwiziti skond il-Ligi sabiex jigi varjat, fuq talba unilaterali, il-kuntratt maqbul bejn il-partijiet u debitament awtorizzat minn dina il-Qorti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Abigail Critien;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet**

Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet, twieled il-minuri J B D fit-12 ta' Settembru 2007[1]. Permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion iddatat it-18 ta' Ottubru 2010[2], il-partijiet irregolaw il-kwistjonijiet tal-kura u l-kustodja, il-ħinijiet tal-aċċess u l-manteniment pagabbli għall-minuri J B D. Il-minuri jgħix fir-residenza tal-intimata;

Dwar il-manteniment tal-minuri J, in suċċint, f'dan il-kuntratt il-partijiet ftiehmu s-segwenti:

1. Il-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta għall-minuri J ikun ta' ħamsin Ewro (€50) fil-ġimgħa, li jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;

2. Il-missier iħallas l-ispejjeż edukattivi inkluż, iżda mhux limitatament, il-miżati, il-kotba, l-uniformijiet, l-istationery,

[1] Ċertifikat tat-twelid relattiv a fol. 5 tal-proċess.
[2] Kopja tiegħu tinsab esebita fol. 6;

it-trasport u d-donazzjonijiet. Iħallas ukoll l-ispejjeż tas-saħħa inkluż, iżda mhux limitatament, l-ispejjeż ta' konsulti jew interventi, mediċinali u prostesi;

3. Inoltre, il-missier iħallas mija u ħamsin ewro (€150) fix-xhur ta' Mejju u Ottubru ta' kull sena, sabiex ikopru l-ispejjeż tal-ħwejjeġ u żraben kollha tal-minuri. Dan l-ammont kellu jitla' għal mitejn ewro (€200) meta l-minuri jagħlaq tmien (8) snin u għal tliet mitt ewro (€300) meta l-minuri jagħlaq tlettax-il sena.

L-attur jallega illi huwa m'huwiex f'pożizzjoni finanzjarja illi jkompli jħallas dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet relattiv għal J; Huwa jsostni illi meta ġie ppubblikat l-imsemmi kuntratt, ir-rikorrent kellu mezzi u introjtu stabbli u effiċjenti, iżda minn dak iż-żmien seħħew raġunijiet u ċirkostanzi illi fuqhom m'għandu l-ebda kontroll li poġġewh fl-impossibilita` li jibqa' jħallas, fi kliemu, dan "il-manteniment sostanzjali kollu".

Huwa jqis ukoll illi l-ispejjeż edukattivi u dawk tas-saħħa għandhom jinqasmu bejn il-partijiet, in vista li dawn dejjem qed jiżdiedu u hu m'għadux jista' jlaħħaq ma' dawn l-ispejjeż kollha waħdu;

Il-Verżjoni tal-Attur

L-**attur**[3] jikkonferma illi minn relazzjoni li huwa kellu ma' C D, fis-sena 2007, twieled it-tifel illi jismu J B D. Dak iż-żmien, il-konvenuta diġa kellha żewġt'itfal oħra minn relazzjoni oħra. Spjega illi meta kienu għadhom flimkien, huwa kien jgħin lill-konvenuta anke bit-trobbija t'uliedha l-oħra u dan kien jagħmlu minn qalbu għaliex ir-relazzjoni tagħhom kienet tajba u dak iż-żmien kien jaqlagħha tajjeb.

[3] Affidavit fol. 32;

Billi r-relazzjoni tagħhom spiċċat, huma marru għand in-Nutar Carmel Mangion sabiex irregolaw il-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tat-tifel.

Jgħid illi huwa ma jridx illi ibnu jkun jonqsu xi ħaġa u jagħmel minn kollox biex jara li huwa għandu dak li jkollu bżonn. M'għandux problema illi jħallas il-manteniment għal ibnu iżda jħoss illi l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni kif ukoll dawk tal-ħwejjeġ u żraben għandhom jibdew jinqasmu indaqs bejn il-partijiet. Jgħid illi kemm ilu li twieled it-tifel dejjem kien waħdu responsabbli finanzjarjament għall-ħtiġijiet tat-tifel, iżda issa l-introjtu tiegħu naqas minħabba l-kondizzjoni kronika li għandu.

Jispjega illi ibnu għandu gwardarobba ħwejjeġ fir-residenza tiegħu għaliex ommu tibagħtu għandu bi ħwejjeġ iżgħar jew mhux adatti u b'hekk huwa jħossu kostrett li jixtrilu ħwejjeġ oħra. Jilmenta illi l-omm titolbu l-inqas ċenteżmu li jkun jeħtieġ it-tifel, imqar l-abbonament fil-gazzetta tat-tfal[4] u l-borża ta' San Martin[5]. Inoltre hija tixtrilu dak kollu li jidhrilha neċessarju mingħajr ebda konsultazzjoni miegħu u tixtrilu abbiljament bi prezz ogħla min-norma.

Jispjega illi huwa jaħdem bħala *self-employed* fejn jagħmel il-*home finishings*. F'dawn l-aħħar sentejn beda jbati minn problemi ta' saħħa li jikkonsistu fi problemi fin-nerv tax-xatka. B'hekk huwa ma jistax jaħdem bl-istess intensita` ta' xogħol bħalma kien qabel. Beda jieħu t-terapija neċessarja in vista li ġie nfurmat li l-kondizzjoni hija waħda kronika u rriversibbli. Huwa ġie ordnat jistrieħ. Għalhekk xi drabi jmur jgħinu missieru sabiex ikun jista' jkompli jagħmel xogħolu. Huwa jkollu anke jirrifjuta xi xogħolijiet għaliex ma jistax jagħmel mod ieħor.

Huwa proprju għal din ir-raġuni li ressaq din il-kawża u ma jridx jidher bħala missier irresponsabbli. *"Ibni huwa l-egħżeż persuna li għandi f'hajti u żgur li miniex kuntent li qed nitlob dan, pero` m'għandhiex (recte: m'għandix) triq oħra."*

---

[4] Fol. 38;
[5] Fol. 39;

F'affidavit ulterjuri[6], l-attur ippreżenta l-*profit and loss accounts* tiegħu[7] għax-xogħol *self-employed* minn fejn jirrilżulta illi għas-sena 2010 huwa ddikjara qligħ ta' €6,859, għas-sena 2011 huwa ddikjara qligħ ta' €6,055, għas-sena 2012 huwa ddikjara qligħ ta' €8,069 u għas-sena 2013 huwa ddikjara qligħ ta' €7,598. Huwa żied illi jaħdem ukoll part-time mas-soċjeta` T.N. Waterproofing Co. Ltd jew Kerk Limited fejn fis-sena 2013 huwa pperċepixxa qligħ nett ta' €3,775 u fl-2012 huwa pperċepixxa introjtu nett minn dan ix-xogħol ta' €3,592.69.[8]

In kontro-eżami[9], l-attur xehed illi huwa jaqla' €70 fil-ġimgħa mix-xogħol tiegħu *part-time*, u mis-*self-employed* mhux dejjem l-istess. Qal li sabiex mar il-cruise mat-tifel, għenu missieru u dana għaliex għadu kemm ħa somma billi spiċċa mix-xogħol. Sostna illi jbati b'daharu u ilu jara t-terapista għal sentejn u nofs għaliex ikun muġugħ. Dan tah il-parir biex ma jistrapazzax. Jilmenta li l-konvenuta flus għas-silicon għandha.

Huwa kkonferma[10] illi l-kawża qiegħed jagħmilha mhux fuq il-manteniment iżda għaliex ma jaffordjax iħallas l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni kollha waħdu iżda jixtieq li dawn jinqasmu bejn il-partijiet. Fl-2013, mar għand speċjalista illi għamillu t-testijiet fuq ix-xewka ta' daharu u ħadulu l-Xrays fejn sabu illi fl-għadam kellu kollox sewwa u l-problema kienet fin-nerv u għalhekk irrakkomandalu illi jibqa' jagħmel it-terapija. M'għandux problemi oħra ta' saħħa għajr in-nerv tax-xjatka ta' daharu li jinżel għal saqajh. Xehed illi l-ħinijiet tiegħu tax-xogħol m'humiex fissi. Ġieli jibda fit-8.30am jew id-9.00am u jispiċċa daqqa fis-1.00pm u daqqa fit-3.00pm. Ħinijiet soliti tiegħu huma mis-7.30am/8.00am sat-3.30pm/4.00pm. Missieru qed imur jgħinu iktar spiss, meta jkun qiegħed jaqa' lura fix-xogħol u ma jaċċettax ħlas mingħandu. Lil missieru jagħtih ix-xogħol li ma

---

[6] Fol. 53;
[7] Fol. 58 et seq.
[8] Ara l-FS3s esebiti fol. 55 et seq.
[9] Seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fit-28 ta' Ottubru 2014, fol. 102.
[10] Kontinwazzjoni tal-kontro-eżami fis- fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fl-4 ta' Diċembru 2014, fol. 108;

jistax jagħmel hu minħabba l-uġigħ. Ċertu Adrian imur jgħinu wkoll u ma jitħallasx.

F'seduta oħra[11], l-attur xehed illi issa għandu problema wkoll f'saqajh ix-xellugija fil-ligaments u rriferewh għall-isptar għaliex qiegħda toħroġlu minn postha. Huwa esebixxa riferiment għall-isptar[12] in sostenn ta' dan.

**Joseph Saliba**, rappreżentant ta' Jobsplus, ippreżenta *employment history* tal-konvenuta, minn fejn irriżulta illi fis-7 ta' Ġunju 2013 hija bdiet taħdem bħala part-time casual[13]. M'hemm l-ebda impjieg ieħor imniżżel fl-istess dokument. Lanqas ma kien hemm terminazzjoni għall-imsemmi impjieg.

Xehed ukoll **Sandro Degabriele**[14] alternative therapist li kkonferma illi ilu jara lill-attur għal sentejn u nofs. Dan ibati minn "cronicue fatugie syndrome" li taffettwalu il-muscles ġewwa il-lower back u konsegwentement ibati minn sciatic nerve illi jikkawżalu uġigħ kbir fil-lower back u wkoll fl-area tal-glutes li jibqa' nieżel tul siequ kollha, speċjalment l-irkoppa u s-subgħa l-kbir. Persuna li tbati minn tali kondizzjoni ikollu jieqaf minn xogħolu għal perjodu ta' ħin saħansitra għal tlett'ijiem sħaħ sabiex itejjeb il-kondizzjoni tiegħu. Dan l-uġigħ huwa diffiċli biex jiġi kkurat u l-mistrieħ huwa neċessarju biex il-kondizzjoni ma tkomplix tiggrava. Kemm kien ilu jara lill-attur, huwa nnota li l-affarijiet sejrin għall-agħar bili l-klijent beda jkellmu fuq uġigħ fil-polz, fil-minkeb u wkoll fl-ispalla. Fil-fehma tiegħu, Roderick jeħtieġlu jnaqqas is-sigħat tax-xogħol u jibqa' jissottometti ruħu għat-terapija ħalli s-sitwazzjoni ma tkomplix tiggrava ruħha.

In kontro-eżami[15], ix-xhud spjega illi huwa ħa korsijiet fil-mediċina tradizzjonali Ċiniża. Dawn ħadhom fic-Chinese

---

[11] Tas-7 ta' Marzu 2017, seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fol. 132.
[12] Dok RO, fol. 134.
[13] Dok. ETC X, esebit fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fit-28 ta' Ottubru 2014, fol. 106.
[14] Affidavit fol. 4;
[15] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fid-9 ta' Marzu 2015, fol. 106.

Cultural Centre il-Belt. FL-2013 huwa ntbagħat mill-Universita ta' Malta, scholarship fuq *traditional chinese medicine*. Ħa wkoll course fuq *nutrition* mill-Mcast u ieħor ta' *personal trainer*. Huwa jispeċjalizza fil-massage u l-acupuncture. Id-dijanjosi tiegħu fuq l-attur ġabha mill-esperjenza tiegħu u minn dak illi studa. Mhuwiex tabib u ma jistax jagħmel MRIs jew CT scans. Bħala uġigħ, huwa jistrieħ fuq dak illi spjegalu l-pazjent. Lill-attur huwa ilu jarah darba kull xahar għall-aħħar sentejn u nofs, fejn jagħmillu massage u acupuncture. L-attur iħallsu kull darba Eur25 għal kull sessjoni. L-attur imur 'il quddiem jekk ma jistrapazzax u jistrieħ.

Xehed ukoll **Adrian Bongailas**[16], ħabib tal-attur, illi kkonferma illi huwa ġieli akkumpanja lill-attur sabiex jixtri ħwejjeġ adattati għat-tifel, meta jkun qed jorganizzaw xi ħarġa bejn il-ħbieb. Ikkonferma illi Roderick jinsab fl-impossibilita` li jerfa' r-responsabilita` tat-tifel waħdu għaliex qiegħed ibati minn kondizzjoni kronika li hija n-nerf tax-xatka. Minħabba f'dan huwa f'xi okkażjonijiet kellu jmur jgħin lil Roderick sabiex ilesti x-xogħol li jkun beda fil-propjeta` tan-nies, għaliex minħabba l-uġigħ ma jkunx jista' jlesti x-xogħol waħdu. In kontro-eżami[17], ix-xhud spjega illi huwa xogħolu self-employed bejjiegħ tal-ħut. Jgħin lil Roderick bla ħlas bħala ħbiberija.

Missier l-attur, **Louis B**, xehed[18] illi ibnu Roderick jixtri dak kollu li jkollu bżonn J u jgħinu fl-edukazzjoni tiegħu sabiex jarah javvanza. Fost oħrajn xtralu ipad u wkoll kotba addizzjonali sabiex jagħmel reviżjoni. Hu rrakkonta li ftit jiem qabel, akkompanja lit-tifel sabiex jixtrilu slipper għaliex ommu qaltlu biex it-tifel jitlob l-islipper li kellu bżonn lil missieru. Iħoss li m'huwiex ġust li dak kollu li jkollu bżonn il-minuri, jagħmel dejjem tajjeb għalih ibnu. Iżid illi Roderick qiegħed ibati b'uġigħ fin-nervi tax-xatka u għalhekk ġieli jmur jagħtih daqqa t'id billi jħalliblu x-xogħol. Peress illi x-xhud huwa issa anzjan, ma jistax imur jagħmel dan ta' spiss.

---

[16] Affidavit fol. 44;

[17] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fit-12 ta' Ġunju 2015, fol. 118.

[18] Affidavit fol. 27;

In kontro-eżami[19], ix-xhud spjega illi ibnu huwa dejjem muġugħ bix-xatka u huwa jmur jgħinu meta jkollu xogħol ta' strapazz. Huwa jmur meta ibnu jgħidlu li jkollu bżonn u m'għandux idea kemm imur spiss.

Oħt l-attur, **Antonia B,** tixhed[20] illi l-intimata ma kinitx tibagħtlu ħwejjeġ miegħu lill-minuri u għalhekk l-attur kien jixtrilu hu jew jibgħat lix-xhud tixtrilu. Il-konvenuta kienet tqabbad lill-attur sabiex il-ħwejjeġ ta' taħt tat-tifel jixtrihom hu. C kienet informathom illi l-ħwejjeġ li kienet tixtri bil-flus ta' Roderick, kellhom jintużaw minnha biss filwaqt illi Roderick kellu jixtri ħwejjeġ għat-tifel meta dan ikun miegħu. Tispjega illi C kienet tixtrilu ħwejjeġ tad-ditta u ta' prezz iktar milli jiflaħ ħuha. Ftakret illi fil-bazaar tal-iskola tat-tifel, huwa xtaq jixtri ktieb, iżda l-konvenuta rrifjutat li tixtrilu l-imsemmi ktieb jekk missieru ma kienx dispost iħallas nofsu. Illi b'hekk ix-xhud qabdet u xtratlu l-ktieb hija stess. In kontro-eżami[21], ix-xhud spjegat illi ħuha jgħix fl-istess dar magħha u l-ġenituri tagħhom. Hu joqgħod f'kamra fil-bitħa. F'din il-kamra, m'hemmx tieqa u biex jagħmel toilet irid joħroġ mill-bitħa.

Mix-xiehda ta' Joe Chircop mid-**Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali**[22] irriżulta illi l-konvenuta irċeviet is-segwenti għajnuniet:

| Sena | Għajnuna Soċjali | Allowance tat-Tfal | Total |
|---|---|---|---|
| 2010 | €5,972.43 | €3,467.88 | €9,440.31 |
| 2011 | €5,843.82 | €3,447.91 | €9,291.73 |
| 2012 | €5,493.70 | €2,727.60 | €8,221.30 |
| 2013 | €4,875.76 | €1,962.25 | €6,838.01 |

[19] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia l-4 ta' Mejju 2015, fol. 115.
[20] Affidavit fol. 25;
[21] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fl-14 ta' Lulju 2015, fol. 120.
[22] Mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fl-24 ta' Ġunju 2014, fol. 49;

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2014 (sal-4 ta' Lulju) | €2,435.36 | €577.98 | €3,013.34 |

Mir-riċerka illi saret mal-banek lokali APS Bank Limited, HSBC Bank Malta p.l.c. u Bank of Valletta p.l.c., kif ukoll ma' Transport Malta u r-Reġistru tal-Bastimenti Żgħar ma nstab xejn straordinarju f'dak li jirrigwarda l-assi tal-attur[23].

Il-Verżjoni tal-konvenuta

Il-**konvenuta**[24] taqbel mal-attur illi minn relazzjoni li kellhom bejniethom, fit-12 ta' Settembru 2007, twieled il-minuri J B D. Fl-2010, meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, il-partijiet irregolaw il-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri permezz tal-kuntratt iddatat it-18 ta' Ottubru 2010. Tispjega li f'dan iż-żmien meta kienu ffirmaw il-kuntratt, l-attur kien iqiegħed il-madum, ikaħħal u jiżbogħ u jagħmel xogħol manwali ieħor, kif kien għadu jagħmel meta hija ppreżentat l-affidavit. Tixhed illi l-attur tant għandu xogħol illi jaħdem anke nhar ta' Sibt u fil-festi pubbliċi. Fil-fatt l-isleepover tat-tifel dejjem tkun mis-Sibt għall-Ħadd, peress illi s-Sibt huwa jkun irid imur għax-xogħol.

Il-konvenuta tispjega illi l-partijiet kienu reġgħu irranġaw bejn Awwissu 2012 u Frar 2013, fejn l-attur kien daħal jirrisjedi magħha. F'dan iż-żmien, huwa kien jaħdem ħafna u kien jikkalkula li jaqla' madwar elf Ewro fil-ġimgħa. F'dawn ix-xhur, oltre li għamel ix-xogħol tan-nies, kien qala' u reġa waħħal il-madum tad-dar tal-konvenuta kollu. Dan għamlu fi żmien ħmistax-il jum u mingħajr għajnuna. Ċertament illi f'dan iż-żmien l-attur ma kellu ebda impediment ta' saħħa sabiex

---

[23] Xhieda minn dawn l-istituzzjonijiet ġew prodotti mill-konvenuta fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2017, fol 156 et. seq.

[24] Affidavit tal-konvenuta Kelly Baldacchono esebit fol. 75;

jaħdem. Issostni illi Roderck kien għadu jaħdem bl-istess konsistenza. Xi drabi meta huwa jmur għat-tifel fis-6.00pm, ikun għadu bil-ħwejjeġ tax-xogħol. Inoltre ħafna drabi jibgħat jinformaha illi jkun ser jittardja minħabba x-xogħol, inkluż nhar ta' Sibt.

Tispjega illi oltre x-xogħol, Roderick għandu wkoll għalqa li jaħdem fiha ta' kuljum għaliex għandu l-annimali illi jrid jieħu ħsieb u jitma'.

Tgħid illi hija ma kinitx taħdem fi zmien il-kuntratt u lanqas preżentement għaliex tieħu ħsieb lil uliedha, kemm lil J u wkoll żewġ subien oħra miż-żwieġ tagħha ma' H G. Ta' tmintax-il sena, inqabdet tqila bit-tifel il-kbir u għalhekk ma laħqitx ħadmet qabel iż-żwieġ. M'għandha l-ebda sengħa jew ħila li tippermettilha toħroġ taħdem.

Tgħid illi sakemm hija trid trabbi lit-tifel, ma tistax toħroġ taħdem għaliex m'għandhiex għajnuna. Oħtha tgħix il-Kanada u ommha, għalkemm tgħix viċin tagħha, ma tistax tikkommetti ruħha li żżomm lt-tifel ta' kuljum. Tinsisti li minkejja li kien jaf dan, Roderick xorta waħda kien xtaq illi jkollu tarbija magħha, għaliex kien iħoss li seta' jmantni lit-tifel waħdu. Anzi huwa wkoll kien jippreferi illi hija ma taħdimx barra mid-dar sabiex it-tifel jitrabba minn ommu u mhux mill-barranin.

Tixhed illi ma tistax tifhem kif Roderick qiegħed jgħid li għandu jinbidel il-kuntratt, għaliex huwa dejjem insista magħha biex ma tħabbilx rasha dwar il-flus u biex lit-tifel tixtrilu mill-aħjar. Kien jinsisti magħha biex ma tixtrilu xejn li mhuwiex tad-ditta u li meta t-tifel ikollu bżonn tabib, għandha tieħdu minnufih l-Isptar Saint James. Huwa galantaom sewwa mat-tifel u joħorġu jiekol miegħu u mat-tfalja tiegħu kull nhar ta' Sibt u Ħadd, b'mod regolari. Inoltre l-attur kellu ippjanat cruise f'Settembru 2014 u vaganza oħra f'Diċembru 2014 ukoll. Apparti l-ispejjeż illi kellu bl-għalqa u l-annimali, kellu wkoll spejjeż ta' ħruġ ma' sħabu meta jmorru jisparaw fuq il-plattini. Imbagħad impika magħha fuq l-ispejjeż tal-Preċett tat-tifel u ħallasha biss wara li nħareġ digriet mill-Qorti!!. Fil-fatt, hija tħossha żgura illi l-attur fil-fond ta' qalbu ma jixtieq iċaħħad lit-tifel minn xejn u m'għandha l-ebda

dubju li hu jħobb ħafna lit-tifel iżda daħlet pika bejn il-partijiet wara li temmew ir-relazzjoni tagħhom għat-tieni darba.

Tagħlaq illi hija kienet ferm sorpriża illi Roderick allega illi għandu problemi ta' saħħa għall-aħħar sentejn u nofs, għaliex huwa qatt ma lmenta magħha dwar dan, lanqas meta kienu reġgħu qegħdin jgħixu flimkien. Lanqas ma semma dan meta kitbilha bl-avukat[25] ftit jiem qabel ma fetaħ il-proċess tal-medjazzjoni.

Tikkonferma illi l-flus li jgħaddilha bħala manteniment tonfoqhom kollha fuq it-tifel, anzi tlaħħaq mal-ħajja biss għaliex jgħinuha l-ġenituri tagħha. Il-flus li jgħaddilha għall-ħwejjeġ, ukoll ma jservux għaliex it-tifel joħroġ minnhom fi żmien qasir.

In kontro-eżami[26], il-konvenuta qalet li kienet taf li Roderick juġgħu daru. Taf li ġieli jqabbad lill-ħabib tiegħu Adrian biex jgħinu fix-xogħol iżda dan bħala lavrant. L-għalqa hija l-passatemp tal-attur u jaħdem ħafna fiha, iżda dan ma jagħmlux għall-flus. Uliedha l-kbar huma maġġorenni u jaħdmu. Binha J għandu tmien snin. Ma tmurx taħdem għax għandha problema min ser iżomm lit-tifel. La jikber it-tifel tmur taħdem. Finanzjarjament jgħinuna uliedha l-kbar u wkoll ommha li ħallsitilha għal żewġ operazzjonjiet kosmetiċi li flimkien swewha €5,000. Ma tiftakarx kemm siefret fl-aħħar sentejn. Is-safra tal-Preċett tat-tifel ħallsitilha ommha, ta' għeluq sninha ħallasha missierha u s-safriet l-oħra ħallashom is-sieħeb tagħha. Biex hija taċċetta illi tħallas nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri, u ċċedi wkoll il-pagament tal-ħwejjeġ, l-attur irid jagħtiha €60 fil-ġimgħa.

Omm il-konvenuta, **Jane D**[27], spjegat illi wara ftit li l-partijiet bdew joħorġu flimkien, bintha kienet qaltilha li kienu qegħdin jaħsbu biex ikollhom tarbija. Ix-xhud kienet fetħitilha għajnejna billi bintha diġa kellha żewġ subien oħra li rabbiethom weħidha stante li hija separata minn ma' żewġha cioe missierhom. Hija

[25] Ittra ddatata it-18 ta' Lulju 2013, esebita fol. 79;
[26] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fis-26 ta' Ottubru 2015, fol. 121
[27] Affidavit fol. 86;

ma kellhiex il-mezzi biex tmantni tarbija oħra. Meta l-partijiet reġgħu qabdu din id-diskussjoni fir-residenza tagħha, hija reġgħet wissiethom biex jaħsbuha darbtejn. Hija ma setgħetx tgħin lil bintha fit-trobbija tat-tarbija, kemm għax kellha l-problemi f'daharha u wkoll għaliex hija tħobb issiefer partikolarment lejn il-Kanada fejn tgħix bintha l-oħra u għalhekk il-konvenuta ma kienx ser ikollha la għajnuna u lanqas mezzi fit-trobbija tat-tarbija. Dakinhar l-attur kien serraħ ras il-konvenuta, kif ukoll lix-xhud, għaliex huwa kien qalilhom li huwa jaqlagħha tajjeb u għalhekk il-konvenuta setgħet tibqa' d-dar tieħu ħsieb lit-tarbija, filwaqt li hu jieħu ħsieb il-bżonnijiet finanzjarji kollha tagħha.

Tikkonferma illi l-attur huwa raġel bieżel u qatt ma jfalli x-xogħol, għalhekk għandu dħul tajjeb. Pero` fl-idea tagħha, moħħu fil-flus u dejjem irid iktar.

Meta l-attur u bintha ħassru r-relazzjoni tagħhom, huwa kien jgħaddilha €50 fil-ġimgħa għat-tifel u dejjem kien regolari u puntwali. Lit-tifel kien jixtrilu ħafna ġugarelli, u verament kien jimxi ta' raġel fil-konfront ta' ibnu. Kien meta l-partijiet reġgħu ingħaqdu u sussegwentement ħassru it-tieni darba li beda ġej l-inkwiet. Tirrakkonta illi l-pika faqqgħet meta fis-sajf tas-sena 2013, bintha kienet siefret ma' sieħeb tagħha mill-flus li jagħtiha missierha f'għeluq sninha. Meta ġiet lura u talbitu l-manteniment tat-tifel, dana rrifjutha u kien biss bl-assistenza tal-Pulizija li tahomlha.

Tikkonferma illi Roderick kien għadu jaħdem sigħat twal u kull meta jmur għat-tifel, anke nhar ta' Sibt, ikun għadu bil-ħwejjeġ tax-xogħol. Issemmi li meta f'Mejju bintha kellha tieġ u talbitu jmur għat-tifel fit-3.00pm, l-attur kien bagħat lil missieru għat-tifel billi huwa kien għadu xogħol.

Tgħid illi mbagħad il-pika qabdet fuq il-ħwejjeġ tat-tifel għaliex ma bediex jirritornahom miegħu. Wara li C rrapportat lill-Pulizija, huwa rritorna dawn il-ħwejjeġ, imma b'suppervja qabad u xtralu gwardarobba ħwejjeġ għal meta t-tifel ikun miegħu.

In kontro-eżami[28], ix-xhud ikkonfermat illi bintha qatt ma ħadmet għalkemm kienet tmur tgħin lit-tifel tagħha fil-gabbana li kellu. Ix-xhud ma kinitx taf li l-attur kellu problemi ta' saħħa u tgħid illi kieku ma jaħdimx is-Sibt u l-Ħadd. Taf li jaħdem is-Sibt għax ikun kollu trab u l-Ħadd għax ġieli qal it-tifel. Tikkonferma li hija ħallset għall-operazzjonijiet ta' bintha u wkoll għas-safar. Anke l-flus għall-Qorti ħallsithomlha x-xhud.

Prinċipji Legali

Illi din il-kawża tqanqal diversi prinċipji legali għall-analiżi ta' din il-Qorti.

L-ewwel minnhom huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju legali *pacta sunt servanda* għall-każ odjern. Issir referenza għall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***. (2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

Ai termini tal-istess Artikolu, qed issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et[29] fejn ġie ritenut li "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda*";

- Eric Schembri et nomine vs. Lewis D [30] u Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et

[28] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, tat-30 ta' Novembru 2016, fol. 128.
[29] deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;
[30] deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

noe[31] fejn ġie ritenut li "*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi*".

Minn dana jirriżulta illi l-kuntratti jistgħu jiġu mħassra biss jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, li fil-każ odjern ma jirriżultax, jew inkella għal raġunijiet magħrufin fil-liġi.

Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili[32] tagħna, illi fis-sub-inċiż 9 jistipula:

*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*

Illi għalhekk jirriżulta, illi bis-saħħa tas-sub-inċiż preċitat, teżisti raġuni magħrufa fil-liġi għall-varjazzjoni ta' klawżola kuntrattwali li tirregola l-manteniment bejn il-miżżewġin u din ir-raġuni hi "tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment."

Illi minkejja li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet għandu forza ta' liġi u ma jinbidilx daqstant faċilment, il-liġi tipprovdi għal ċirkostanzi bħal din odjerna, fejn parti tħoss li hemm lok għat-tnaqqis tal-manteniment minnu mħallas, u dana permezz tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula: ***"21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ."***

[31] deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

[32] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk għab-bażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

L-attur jitlob illi l-Qorti tordna modifika fil-kuntratt li jirregola l-manteniment tal-minuri J preċiżament f'dak illi jirrigwarda l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Biex il-Qorti jkollha l-fakolta` li tagħmel dan mingħajr ma tikser il-prinċipju sagrosant ta' *pacta sunt servanda*, jeħtieġ lill-attur li jipprova illi l-kien hemm tibdil sostanzjali fil-mezzi tiegħu, tant li t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni tiegħu għall-edukazzjoni u s-saħħa ta' ibnu ikun ġustifikat.

Fl-ewwel lok, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li għandu kondizzjoni ta' saħħa li qiegħda tippreklidih milli jaħdem jew milli jaħdem sigħat daqs kemm kien jaħdem fil-passat. Biex setgħet tasal għal tali konklużjoni kien jeħtieġ illi l-attur jippreżenta ċertifikat ta' professur speċjalizzat, ikkorraborat mit-testijiet mediċi appożiti u relattivi bħalma huwa, per eżempju xi MRI jew Scan. Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni valida, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, sabiex il-Qorti taċċetta illi l-attur ma jibqax iħallas skont dak li obbliga ruħu fil-ftehim bejn il-partijiet tat-18 t'Ottubru 2010.

Anke jekk huwa verosimili li l-attur jeħtieġ it-terapija sabiex ikampa bix-xogħol iebes illi jagħmel, l-istess djufija tiegħu m'hijiex tali li naqqsitlu l-introjtu tiegħu. Dana xorta waħda baqa' stabbli minn sena għall-oħra. Di fatti, l-ispeċjalista injot illi jsemmi l-attur fil-kontro-eżami, irrakkomandalu li jibqa' jattendi għat-terapija. Ma semma xejn li ġie rakkomandat lilu li jnaqqas is-siegħat tax-xogħol. Illi għalhekk m'hemmx lok għall-varjazzjoni fil-kontribuzzjoni tal-attur versu ibnu.

Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-attur illi huwa qiegħed iħallas xi manteniment straordinarju. Tenut kont l-introjtu u l-ħiliet tal-attur, il-manteniment huwa wieħed adegwat iżda xejn barra min-norma. Inoltre, tirrileva li milli jidher, il-manteniment qatt ma ġie rivedut skont l-għoli tal-ħajja, bħalma kienu stipulaw il-partijiet fl-2010. Sal-preżenti, tmien snin wara, il-manteniment ivversat mill-attur lill-konvenuta għadu dak ta' €50, meta suppost li għola minn sena għall-oħra.

Fl-agħar ipotesi, fejn l-attur iħoss li saħħtu ma tippermettilux ikompli jagħmel l-istess xogħol, l-attur għadu żgħir u m'għandux ikollu problema biex ibiddel in-natura tax-xogħol tiegħu. Għażla oħra tkun li jnaqqas mill-passatempi tiegħu sew sabiex inaqqas mill-istrapazz tal-għalqa u wkoll biex inaqqas l-passatempi, bħalma huma tal-annimali u tal-isparar. L-għażla li jnaqqas il-kontribut finanzjarju versu ibnu għandha tkun biss l-aħħar miżura jekk il-kondizzjoni tiegħu tiddeterjora b'mod eċċezzjonali, ċirkostanzi li fortunatament għall-attur, mhumiex il-każ f'dan l-istadju.

Inoltre l-argument tal-attur illi l-konvenuta tesaġera fl-infieq tagħha sabiex tlibbes lit-tifel jirriżuta infondat, għaliex mill-irċevuti li hija esebiet jidher li n-nefqa tagħha hija waħda medja minn stabbilimenti bi prezzijiet raġjonevoli u xejn esaġerat jew kapriċċjuż.

Madankollu, il-Qorti tiddeplora l-aġir tal-konvenuta illi f'Ġunju 2014, ikkonfermat bil-ġurament illi hija qatt ma' ħadmet barra mid-dar, meta jirriżulta illi f'Ġunju 2013 hija bdiet taħdem *part-*

*time casual*, u almenu sa Ottubru 2014[33], jidher li kienet għadha tagħmel l-istess xogħol. Huwa tassew tajjeb li hija ħarġet mid-dar sabiex tikseb l-indipendenza finanzjarja tagħha, iżda m'huwiex aċċettabbli illi tixhed falz bil-ġurament, u għalhekk il-Qorti qiegħda tikkomunika din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk hemmx lok ta' proċeduri ta' sperġur ai termini tal-Artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali[34] fil-konfront tal-konvenuta.

Il-Qorti tirrileva , illi l-konvenuta approfittat ruħha mit-tjieba tal-attur li kien dispost li jħallas l-ispejjeż kollha ta' ibnu, billi kienet tikkostrinġih jixtrilu tibdiliet ġodda għaliex dawk li tkun bagħtet għat-tifel ikunu żgħar wisq jew mhux addattati. Illi għalhekk il-Qorti tħoss li għandha tikkjarifika t-termini tal-kuntratt bejn il-partijiet. Huwa ċar, fil-fehma tal-Qorti, illi ai termini tal-istess kuntratt, hija l-konvenuta li għandha tieħu ħsieb l-abbiljament kollu għall-minuri, mill-aqwa ġlekk sal-inqas karkur. L-attur jgħaddilha somma kull sena għal dan l-iskop u għandha tkun hi li bl-għaqal tagħha taċċerta ruħha li tixtri l-bżonnijiet kollha tal-minuri b'dawk il-flus. L-attur, oltre l-pagament ta' kull sitt xhur kif miftiehem bejn il-partijiet, m'għandu jixtri xejn iktar lit-tifel, f'dak li jirrigwarda l-abbiljament tiegħu, għajr jekk mhux bil-volonta` tiegħu. M'għandux iħossu kostrett li jixtrilu iktar ħwejjeġ lit-tifel. Għalhekk, l-omm ossia l-konvenuta, għandha taċċerta ruħha li tibgħat lill-attur ħwejjeġ komdi u addattati għall-minuri skont il-ħruġ/attivitajiet li l-attur ikollu ippjanati għat-tifel waqt l-aċċess, li għandu jikkomunikahom lill-omm f'ħin raġjonevoli qabel l-aċċess.

Rigward l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tat-tifel, bħalma kien miftiehem bejn il-partijiet, dawna jibqgħu jitħallsu unikament mill-attur, kontra d-debita riċevuta. Dan in vista tal-fatt, illi anke jekk l-omm preżentement għandha xi introjtu illi ma kellhiex meta ġie konkluż il-kuntratt, il-missier ossia l-attur, xorta waħda jibqa' finanzjarjament stabbli ferm iktar mill-omm, li għandha biss xogħol *part-time casual*, meta mqabbel max-

[33] Meta xehed ir-rappreżentant ta' JobsPlus f'dawn il-proċeduri;

[34] Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

xogħol li jagħmel l-attur, ta' ċirka ħdax / tnax-il siegħa kuljum għal sitt ijiem fil-ġimgħa.

## Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tiċħad** it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.